# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 6**

**Rikors Numru 750/2020**

**Mousa Aghil (ID 101506A) u Ghada Aghil (ID 101510A) f'isimhom proprju u f'isem uliedhom minuri Rudina Aghil (108704A), Ranhia Aghil (108706A), Rana Aghil (ID 108705A), Tima Aghil (108814A), Taha Aghil (ID 108993A) u Yasin Aghil (ID 108701A) kif ukoll Ayoub Aghil (ID 114807A), Juhaina Aghil (ID 108810A), Bothina Aghil (ID 108710A)**

**Vs**
**Fatih Pancar (ID 64310L),**
**Elmo Insurance Limited (C3500)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mousa Aghil u oħrajn (l-Atturi) tal-25 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi l-esponenti Mousa Aghil u Ghada Aghil huma l-ġenituri tal- kompjant Rodwan Aghil li miet fit-30 ta' Mejju 2015 f'incident stradali gewwa Triq Sant Andrija, Swieqi fl-eta ta' 10 snin, wara li ittajjar minn karozza misjuqa mill-intimat Fatih Pancar u assikurata mal-intimata Elmo Insurance Limited.

2. Illi l-atturi l-ohra huma l-ahwa tal-kompjant Rodwan Aghil.

3. Illi l-minuri li kellui biss 10 snin ovjament miet intestat u ghalhekk il-wirt tieghu kien iddevolva in kwantu ghall-nofs fuq il-genituri tieghu u in kwantu ghan-nofs l-iehor fuq hutu u dan ai termini ta' l-artikolu 812(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Illi fit-30 ta' Mejju 2015 l-intimat kien qieghed issuq il-karozza tieghu ta' l-ghamla Peugeot b'numru ta' registrazzjoni ALI 512 fi Triq Sant Andrija, Swieqi ghall-habta tat-3.30pm meta huwa tajjar lill-minuri Rodwan Aghil.

5. Illi l-intimat kien tressaq kriminalment akkuzat li kkawza l-mewt involontarju tal-minuri Rodwan Aghil, u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-26 ta' Novembru 2018 li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mamrkata Dok A, huwa instab u gie kkundannat ghall-sentejn prigunerija li gew sospizi ghall-3 snin bl-opra ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi din is-sentenza kienet inghatat wara li l-intimat kien appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal- 31 ta' Ottubru 2017.

7. Illi il-minuri Rodwan Aghil safa maqtul minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-intimat li waqt li kien qiegehd issuq il-vettura tieghi ma zammx *proper lookout* u saq b'velocita eccessiva kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-intimati huma responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali ghall-dan l-incident u ghalhekk kellha tinfetha din il-kawza.

9. Illi l-esponenti kienu gia interpellaw lill-intimati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti permezz ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2019 u tal- 10 ta' Mejju 2016 li kopji taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok C u D rispettivament imma xorta wahda baqghu inadempjenti

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjonili jidrilha xierqa u opportuna taqta u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-mewt tal-minuri Rodwan Aghil li miet b'incident stradali fit-30 ta' Mejju 2015

2. Tiddikjara u Tiddeciedi illil-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha konsegwenzjali ghall-incident tat-30 ta' Mejju 2015 u l-mewt tal-minuri Rodwan Aghil

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dawk id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali kontra l-intimati li minn issa ingunti ghas-subbizzjoni

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Fatih Pancar u tas-Soċjeta' Elmo Insurance Limited (il-konvenut u s-Soċjeta' konvenuta rispettivament) tas-16 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi, in linea preliminari, ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom u li huma fil-fatt l-eredi tad-defunt Rodwan Aghil.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent Fatih Pancar izda kien unikament bi htija u negligenza kemm da parti tad-defunt Rodwan Aghil kif ukoll tal-genituri tieghu, ir-rikorrenti Mousa Aghil u Ghada Aghil.

3. Hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, id-defunt Rodwan Aghil, b'imprudenza grassa, holoq emergenza subitanea li rrendiet impossibbli li tittiehed azzjoni tempestiva evasiva. Li wiehed johrog jigri ghall-gharrieda minn triq sekondarja ghal go triq arterjali huwa mhux biss nuqqas gravi fil-harsien tar-regolamenti tat-toroq izda illogiku u kuntrarju ghall-buon sens li anke tifel ta' ghaxar snin ghandu ikollu. Dan minghajr ma wiehed isemmi l-fatt li, tifel ta' ghaxar snin, m'ghandux jithalla wahdu, mhux akkumpanjat minn adult, ahseb u wara jittenta li jaqsam triq arterjali bhala ma hi dik ta' Triq Sant'Andrija, is-Swieqi!

4. Illi dan kollu gie rifless kemm mill-konkluzjonijiet tal-inkjesta magisterjali li kienet imexxija mill-Magistrat Dottor Doreen Clarke, kif ukoll tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-6 ta' Novembru 2018 presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera. Ta' min jirrileva illi, fis-sentenza taghha, l-istess Qorti kkonkludiet illi, "*Il-parti leża qasam minn punt perikoluż ferm minflokk ma utilizza il-pedestrian crossing li kienet tant viċin.* ***Dan ir-riskju kien kbir*** *meta tikkunsidra li sabiex*

*jaqsam għan-naħa l-oħra kellu l-ewwel jaqsam il-karreġġata minn fejn ikunu nieżlin vetturi ġejjin minn-naħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq lejn id-direzzjoni ta' San Ġiljan, biex wara jaqsam il-karreġġata l-oħra fen ikun hemm vetturi għaddejjin mid-direzzjoni opposta jiġifieri minn San Ġiljan lejn Baħar ic-Cagħaq"* (pagna 76 tal-imsemmija sentenza).

5. Illi, di piu', hekk kif ser jirrizulta ppruvat mill-provi li ser jigu prodotti, fil-mument ta' l-impatt, l-esponent Fatih Pancar kien qieghed isuq b'mod korrett u ghaqli, *entro* l-parametri ta' velocità tal-imsemmija triq.

6. Illi jsewgi ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ukoll tigi rigettata billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti stante li l-esponenti m'ghandhomx ikunu tenuti jhallsu l-ebda ammont in linea ta' danni lill-istess rikorrenti, liema danni, *del resto*, jehtiegu li jigu pruvati skont il-ligi.

7. Konsegwentement it-tielet u r-raba' talba rikorrenti ghandhom ukoll ikunu michuda billi l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu ebda danni lir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet premessi illi ser jigu ppruvati fil-mori tal-proceduri odjerni.

8. Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors tas-smiegħ.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Atturi huma l-ġenituri u l-aħwa rispettivament tat-tifel minuri Rodwan Aghil li safa mtajjar mortalment fit-30 ta' Mejju 2015 fi Triq Sant' Andrija, Swieqi. Meta seħħ l-inċident fatali Rodwan kellu għaxar 10 snin. Il-vettura li laqtitu kienet misjuqa mill-konvenut u din kienet assigurata biex tinstaq fit-triq mis-Soċjeta' konvenuta.

Jingħad li l-inċident seħħ meta t-tifel minuri ħareġ f'daqqa fit-triq imsemmija fil-waqt li l-konvenut kien għadddej bil-vettura tiegħu b'ċertu veloċita'.

L-Atturi jgħidu li l-konvenut għandu unikament iwieġeb għall-inċident inkwistjoni u konsegwentement huma intitolati li jitolbu d-danni mingħandu. Il-konvenut tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u instab ħati skond Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Novembru 2018.

**Punti ta' Liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-Konvenut, għad-danni li l-Atturi jallegaw li sofrew b'konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi, li fiħ tilef ħajtu l-minuri Rodwan Aghil.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Atturi li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrbu d-danni.

L-Art 1031 tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li "*kull wiehed iwiegeb għall-hsara li tigri bi htija tiegħu".* Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili u tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak*

*l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "l-*kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara wkoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm il-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`referenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:-

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili*

*hi ravvizata fl-imgieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-ligi civili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-għemil izda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` 9 Rik. Nru. 96/18TA prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*.

Fl-aħħar nett is-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:-

*"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l "ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom*."

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-Atturi għandhom jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom.

Il-Kawża qiegħda fost oħrajn issir minn Mousa Aghil u Għada Aghil li jgħidu li huma l-ġenituri tat-tifel Rodwan Aghil. F'dan ir-rigward din il-Qorti eżaminat ix-xhieda ta' Ayoub Aghil, li jiġi hu l-minuri Rodwan Aghil. Mix-xhieda tiegħu jirriżulta li Għada Aghil hija l-omm tar-rispett (*step mother*) tal-minuri. Mhux hekk biss, iżda din kunjomha Edik. L-omm naturali jisimha Jamila Amer Lotfi u dan anke kif jirrisulta ukoll miċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel Rodwan Aghil. Isem ommu naturali huwa Jamila Amer Lotfi u lanqas Lotqe kif jgħid ix-xhud (a' fol 180). Għalhekk lil din il-Qorti jirriżultalha li hija Jamilha li għandha l-interess ġuridiku u mhux Għada Aghil.

Għalhekk sa fejn jirrigwarda lil Għada Aghil, il-Qorti ssib li din ma għandha ebda interess ġuridiku u kwindi fil-konfront tagħha, il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talbiet.

*<u>Il-mertu</u>*

Dan huwa inċident sfortunat għall-aħħar. Għall-Qorti huwa ċar li xi xorta ta' responsabbilita' da parti tal-minuri Rodwan Aghil ċertament kien hemm. Mario Buttigieg, espert tal-Qorti fil-proċeduri kriminali jispjega, li b'referenza għall-mod kif qasam dan it-tifel bil-frażi "*qabad u qasam*" fehem għaliex f'dawk l-akwati hemm żewġ *pedestrian crossings* u li ma għamlix użu minnhom "*u jidher li l-mod kif qasam litteralment qabad u qasam biex jaqsam għan-naha l-ohra tat-triq għas-service road li hemm immarkata*". It-tifel qasam b'mod mgħaġġel u ażardat (a' fol 231). Il-verżjoni tal-konvenut hija konfermata bix-xhieda ta' Elsin Hulul li kien passsiġier mal-konvenut. Jgħid li aktar le milli iva l-konvenut ma kellux ċans jarah (a' fol 234).

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li, li kieku dan it-tifel kellu adult jakkumpanjah x'aktarx l-inċident kien ikun evitat, għaliex il-bon sens kien jiddetta li għandhom jintużaw il-*pedestrian crossings* li tant kienu fil-qrib. Is-Supretendent Trevor Micallef jispjega li ftit 'l bogħod minn fejn seħħ l-inċident hemm pedestrian, tul l-Awla 'l bogħod (a' fol 165 tergo).

Abbinati dawn l-osservazzjonijiet ma' l-ampless tal-provi mressqa f'din il-Kawża, ma għandu jkun hemm ebda dubbju li dan it-tifel ta in parti okkażjoni għal dan l-inċident. Issa f'liema grad jingħad aktar 'l quddiem.

Li jrid ikun stabbilit huwa jekk il-konvenut għandhux ukoll iwieġeb għall-inċident inkwistjoni. Huwa ċar għal din il-Qorti, li l-konvenut beda jsuq bi *speed* eċċessiv.

Skond PC Wayne Briffa jgħid li l-vettura ALI 519 kienet għaddejja b'veloċita' eċċessiva. Bil-mod kif qabżu kienet veloċita' b'saħħitha (a' fol 159). Hu kien qed isuq van li huwa ta' ċertu piż iżda meta qabżu l-van ittiltja laġenba għalhekk ħass il-veloċita'. Qabżu wkoll fl-iwja (a' fol 159 tergo). Il-konvenut jixhed li kien miexi b'veloċita' normali ċirca 40/50 kilometru fis-siegħa bħall-vetturi l-oħra li ken hemm (a' fol 201).

Tul il-kawża l-konvenut jipprova jikkonvinċi li dan ma kienx minnu. Iżda provi oħra, apparti dik indikata hawn fuq, jikkonvinċu lil din il-Qorti li dan tassew kien minnu. Dr. Mario Buttigieg ikkonkluda li l-limitu tal-veloċita' fdik it-triq huwa ta' 35 kilomteru fis-siegħa (a' fol 235 tergo). Jgħid li kien hemm, għalkemm fir-relazzjoni tiegħu ma hemmx referenza għalihom u jinsisti li hemm u ra tabelli b'dan il-limitu ta' veloċita' (a' fol 236 tergo). Jinsisti li fejn

ġara l-inċident huwa *built up area* (a' fol 237 u tergo). Li l-akkwata hija *build up area* ma hemmx dubbju għaliex anke mir-ritratti esebiti jidher ċar li dan huwa l-każ.

Jon-Paul Davis qal lill-Pulizija *"... my wife was driving wher coming from Bahar ic-Cagħaq proceeding towards St. Julians when all of a sudden a red Peugeot overtook us near the school opposite the Forum. In my opinion the driver was driving very fast and dangerously ... then I heard a loud bang and saw the young boy flying in the air around 2 metres ..."* (a' fol 45 PC u ara wkoll xhieda dettaljata tiegħu a' fol 56 PC fejn jikkonferma din il-verżjoni).

Jessica Davis tgħid b'referenza għall-konvenut li "*he overtook us in a dangerous area where it turned on the bend were they are doing the construction just before St, Andrew's School"* (a' fol 62 PC). Qalet ukoll "*What an idiot to be overtaking us on the bend*" (a' fol 64 PC). Din tgħid li biex il-konvenut għamel din il-manuvra qabeż il-*continuos white line*. Anzi temfasizza li "*it is a solid white line*" (a' fol 69 u 70). Din ukoll tgħid li rat lit-tifel jogħla fl-arja (a' fol 66 u 67 PC).

Issa l-Qorti trid tqies li f'dawk l-inħawi kien hemm żewġ *pedestrian crossings*, skola, grawnds tal-Luxol u kif ukoll ħwienet. Dawn huma kollha ċirkostanzi li jissenjalaw li ħadd m'għandu jsuq b'veloċita' eċċessiva. Dr. Mario Buttigieg wasal għall-konklużjoni li l-konvenut kien għaddej b'70 kilometru fis-siegħa. *Brake marks* ma kienx hemm u dan għaliex kif jispjega dan l-espert meta vettura jkollha s-sistema ta' l-ABS, meta tapplika l-brejk

dan ma jħallix marki. Jacques Albert qal lill-Pulizija li "*I was lying in bed, heard the tyres screeching and heard the car hitting something*". (a' fol 48 PK Emfażi tal-Qorti). Jon Davis ukoll jgħid li *"... I heard a hit and the screech at the same time ..."* (a' fol 56 PK). Dan ukoll jindika li l-vettura tkaxkret għaliex kienet għaddejja b'veloċita'. Li tara tifel itir fl-arja ma jfissirx li s-sewqan kien bil-mod. Mir-ritratt tal-karozza, it-tatina kbira li hemm fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura tindika li l-impatt kien pjuttost vjolenti (a' fol 180 PK).

Issa hekk bħal ma l-Qorti qalet li kieku l-minuri kien akkompanjat minn ġenitur dan l-inċident seta kien evitat, daqstant ieħor li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċita' moderata ma kienx itajjar lit-tifel jew il-konsegwenzi kienu jkunu ħafna anqas gravi.

Il-konvenut jgħid *"... I saw something crossing infront of me (I say 'something' as at that point, I did not know that it was a young boy) and this from my left side. I would describe this almost like a shadow. As I saw this, even instinctively, I pulled towards the right-hand side to avoid the impact. Unfotunatley, however, even since things happened so quickly, the impact still occurred ..."* (a' fol 202 Emfażi tal-Qorti). Din il-verżjoni hija kkonfermata bid-dikjarazzjoni li għamel Ersin Hulur lill-Pulizija. Dan jgħid li kien passiġier mal-konvenut (a' fol 48 PK).

Il-kumment tal-Qorti huwa, li kollox sar f'tebqa t'għajn: it-tifel ħareġ f'daqqa u l-konvenut kien għaddej b'veloċita meta messu kien jaf aħjar. Dawn

huma ċirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti biex tapporzjona r-responsabbilita'.

Ġie ritenut, "*m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien mingħajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qegħda ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Alan Busuttil et vs Raymond Farrugia, Qorti Ċivili Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 2011**). Skont ir-regolament 22 tal-Kodiċi tat-Triq, il-minuri kellu jsib post bla periklu minn fejn jaqsam. Dan il-post kellu jkun wieħed minn fejn seta' jara sew in-naħat kollha u fejn is-sewwieqa jkunu jistgħu jarawh sew.

Skont ir-regolament 23, qabel jaqsam il-minuri mbagħad kellu, jżomm lura mit-tarf tat-triq u jiżgura li seta' jara t-traffiku li kien ġej. Fit-termini tar-regolamenti 24 u 25, huwa kellu jħares sewwa madwaru u jisma' sewwa għat-traffiku u jekk tkun ġejja xi vettura jħalliha tgħaddi b'mod li ma jaqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u jkun żgur li hemm ħafna ħin disponibbli għalih biex jaqsam. Imbagħad, skont ir-regolament 26, kellu jaqsam dritt it-triq meta ma jkunx hemm periklu. M'hemm xejn fl-atti tal-kawża li b'xi mod juru li l-minuri osserva mqar wieħed minn dawn ir-regolamenti. Għalhekk il-Qorti għandha kull raġuni għalfejn tikkonkludi, li fil-mument ta' l-inċident il-minuri ma kienx f'posizzjoni li jieħu dawk il-miżuri

bħala *pedestrian* biex iżżomm mal-prinċipji regolamentarji ta' *proper look out* waqt li qed jaqsam it-triq. Forsi li kien akkompanjat dawn il-miżuri kienu jittieħdu.

Gibb fil-ktieb tiegħu "**Collisions on Land" (section 148**) jgħid: "*If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaintiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist*." Issa wara l-inċident il-ġisem tal-minuri kien f'nofs tat-triq.

Min-naħa l-oħra l-anqas hemm provi ċari biżżejjed li l-Konvenut sab ruħu f'posizzjoni ta' "*emergenza subitanea imprevedibbli"* minħabba fiha, bil-mod kif imfisser fis-**Sentenza Il-Pulizija vs Mario Angelo Zammit, tal-Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Settembru 2009** (ara wkoll is-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Sciberras vs Pierguido Saliba tat-13 t'Ottubru 2017 deċiża mill-PA**). Ma kellux kontroll tal-vettura biex temostivament jevita l-inċident minħabba l-veloċita' li kien għaddej biha.

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet <u>jew tat okkażjoni għall-ħsara,</u> il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha*

*mill-persuni l-oħra li jkunu doložament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni" (*Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għall-ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ mingħajr għaqal).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-minuri f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita' għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident. Dik ta' l-aħħar qatt ma tista' tingħad li kienet b'xi mod kwalunkwe l-kawża prossima tas-sinistru fih innifsu. B'estensjoni mal-analoġija tas-seat belt, kieku l-vittma ma kinitx liebsa dan l-aġġeġġ preventiv u ma seħħx l-inċident ma kienet issofri ebda ħsara. L-aktar l-aktar tista' tirrendi lilha innifisha ħatja ta' kontravenzjoni.

Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs- Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 (Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk:

"*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa għal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, mingħajr regola prestabbilita mill-ligi stess li tistabilixxi għal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tiegħu."*

F'dan ir-rigward huwa interessanti wkoll dak li tgħid il-ġurisprudenza Ingliża u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional case*s" (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197**. Ara wkoll **Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ u tagħlim fuq imsemmi, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li r-responsabbilita' għall-inċident għandha tinqasam nofs bin-nofs bejn il-minuri u l-konvenut.

<u>*Id-danni*</u>

Stabbilit li l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li sofrew l-Atturi fil-proporzjon ta' 50%, issa jmiss li dawn jiġu likwidati.

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi

rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal paga jew qligħ ieħor attwali*"*.* Filwaqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>*Damnum Emergens.*</u>

Dwar dan l-aspett ta' danni ma inġiebet ebda prova tant li anke fin-nota ta' osservazzjoniiet tal-Atturi, dan il-punt l-anqas ġie trattat. Stante l-mewt kważi istantaneja tal-minuri, l-Atturi ma nkorrew ebda telf ta' din ix-xorta. Għalhekk il-Qorti mhux ser tillikwida ebda danni f'dan ir-rigward.

*Lucrum cessans*.

L-Awtur Taljan Torrenti jsostni li *"la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo."* (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu ntqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**). Pero' tajjeb li jingħad li l-prinċipji stabbiliti f'din is-sentenza evolvew maż-żminijiet u ingħataw aktar tifsira u applikazzjoni li tixraq liż-żminijiet.

L-ewwel ħaġa li din il-Qorti trid tevalwa huwa l-aspett tal-perċentwalita' ta' diżabilita permanenti sofferti. Li kieku Rodwan Aghil ma mietx u sofra ġrieħi ta' natura permanenti l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti kienu

jservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-imsemmi kien sejjer ikun affettwat 'l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu.

Imma f'dan il-każ Rodwan Aghil miet. Issa artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan*".

It-telf futur jiġi wkoll kalkolat fuq is-salarju jew entrojtu tad-danneġġat. Issa f'dan il-każ il-vittma kienet minuri u għalhelkk ma jidhirx li kellha entrojtu. Skond Avviż Legali 452.92, l-eta' ta' persuna li tikkwalifika għal xi impieg hi meta jkollha 16 -il sena salv għal xi eċċezzjonijiet li ma humiex applikabbli għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti. Issa fil-każ ta' meta minuri jkun iddanneġġjat intqal ukoll li "*Given the claimant's young age and disabilities, it is not possible to form any view of his employment prospects save by reference to the duration and employment attained of his parents and other members of his family … there are always difficulties in predicting the likely career path of a child as young as a claimant. A good starting point is to look at the employment history of his parents and other close relatives*" (Ara **Whiten -vs- Healthcare NHS Trust [2022] EWHC 2066 (QB) at 113, ċitata minn Munken On Damages and Personal Injuries and Death, Lexis Nexis, 12th Ed pg 95**).

Dwar l-aspettativa tal-ħajja, illum huwa ben stabbilit li din għandha tkun kalkolata sal-eta' pensjonabbli u ċioe' dik ta' 65 sena. Dan ifisser li l-ammont ta' snin li ser tikkalkula fuqhom il-Qorti huwa dak ta' disgħa u erbgħin sena (49). Il-Qorti tħoss li ma għandhiex tnaqqas minn dan l-ammont ta' snin għaliex ma jirrisultalhiex li l-minuri kien ibati minn xi kundizzjonijiet mediċi qabel l-inċident u li kieku kienu jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tal-element taċ-*chances u changes of life.*

Huwa essenzjali wkoll li din il-Qorti trid tistabilixxi x'għandu jkun l-entrojtu tal-minuri u dan meta kien għad ma għandux salarju. Kif diġa' rilevat bħala multiplier ser tittieħed l-eta' ta' 16 -il sena li hija dik ta' meta persuna hija eleġibbli biex taħdem legalment. Għalhekk ikun xieraq li din il-Qorti bħala mira tieħu l-paga minima ta' impjegat bħala kejl. Il-paga minima għal dawk taħt 16 -il sena hija €212.16 fil-ġimgħa. Għalhekk salarju annwali huwa ta' €11,032.

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa bħala prinċipju dak ta' 20%. Iżda dawn il-Qrati għallmu wkoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (**ara Scicluna vs Meilaq PA tas-16 ta' Lulju, 2001)**. Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: *"jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum*

*deduction*" (ara **Agius vs Fenech tal-Prim Awla tad-29 ta' Ottubru, 2003**).

Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li f'dik ta' **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu 1999 u Caruana -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza Galea vs Piscopo PA tat-3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna -vs- Meilaq PA tas-16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawża **Turner vs- Agius App Ċiv Sup tat-28 ta' Novembru 2003.**

Din il-Qorti tosserva li ma jsir ebda tnaqqis jekk Kawża tiġi deċiża qabel sentejn, għaliex dan huwa żmien raġjonevolment mistenni biex Kawża tkun deċiża għal kollox. Iżda jiddependi kemm mill-kumplessita' o meno tal-każ u anke mill-kooperazzjoni tal-partijiet. Din il-Kawża ħadet aktar minn tlett snin u nofs sakemm ġiet deċiża. Għalhekk ikun ġust li l-lump sum payment ikun ta' 18%.

Apparti dan, il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkonsidrax, li kull ammont li ser ikun likwidat ser ikun ċertament suġġett għall-erożjoni mir-rati tal-inflazzjonijiet fuq ħtiġijiet ta' konsum ta' oġġetti, tenut kont ukoll l-eta' żgħira tal-minuri u l-ħtiġijiet speċjali tiegħu. Għalhekk "*at arm's length*" il-Qorti ser iżżid is-somma rappresentanti *lucrum cessans* b'6%.

<u>*Likwidazzjoni tad-danni*</u>

€11,032 (salarju annwali) x 49 (snin sal-penzjoni) = €540,568 diviż b'50% (kontributorjeta') = €270,284 - 18% (lump sum payment) = €221,632 + 6% (Inflazzjoni)= €234,929.

1/2 ta' €234,929 = €117,464 (sehem l-Atturi tfal) u €56,234 sehem l-Attur missier Mousa Aghil għaliex kif ingħad, Għada Aghil ma għandiex interess ġuridiku fil-Kawża.

Dan ifisser li d-danni sofferti mill-Atturi jammontaw għal mija tlieta u sebgħin elf sitt mija u tmienja u disgħin ewro (€173,698).

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** iżda biss fil-konfront tal-Atturi kollha meno Għada Aghil filwaqt li qed **Tiċħadha** fil-konfront ta' Għada Aghil biss.

**Tilqa' it-tieni it-talba Attriċi** kompatibbilment mal-ewwel akkoljiment tal-ewwel talba Attriċi.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija tlieta u sebgħin elf sitt mija u tmienja u disgħin ewro (€173,698).

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Atturi s-somma hekk likwidata mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes, ħlief dawk ta' Għada Aghil għall-konvenuti mentri dawk tal-imsemmija għall-Atturi.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**